MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2013

Numru. 723/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**FRANCIS FRENDO**
**JAMES SIVE JIMMY ABELA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Frendo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 462282 (M) u l-imsemmi James Abela, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 260992 (M).

**Akkuzati talli:**

F'Hal Tarxien, nhar il-25 ta` Lulju, 2009, ghal habta tal-hdax u nofs ta` filghaxija (23:30hrs), bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe` serq minn gewwa **Auto Silencers** sitwat fi Triq il-Gudja, Hal Tarxien, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u li saret ghad-deteriment ta` George Agius;

U fl-ahharnett gew akkuzati talli rrendew ruhhom ricediv ai termini ta` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli 4 (1) (a), 261, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 289, 325, 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-Qorti hija ampjament sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tapprova, oltre kull dubbju ragonevoli li z-zewg imputati huma hatja skont l-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom.

Ix-xhieda ta`:

1. Spettur Daniel Zammit;
2. PS100 Terence Azzopardi;
3. George Agius;
4. PC649 Darren Decelils u PC53 Stefan Spiteri;
5. PS430 Andres St. John;

huma ferm konklussivi u konvincenti. L-imputati nstabu in flagrante mill-membri tal-mobile squad fil-proprjeta` ta` George Agiusu u kienu qeghdin jippruvaw jifthulu il-fond propjeta' tieghu sabiex jisirqu. Ma setghux jipprovdu spjegazzjoni plausibbli ghall-presenza taghhom hemmhekk f'dak il-post.

Fil-post, il-Pulizija kienu sabu sinjali ta' sgass friski u ghalhekk, kien hemm sinjali cari ta' tentattivi ta' sgass. Sinjali illi, skont ix-xhieda ta' George Agius, ma kienux hemm qabel l-intervent tal-imputati.

Il-fedina penali taghhom tittradihom. Ghal diversi drabi huma nstabu hatja ta` serqiet simili. Dawn il-sentenzi gew esebiti u huma prova tangibbli fl-atti ta` dan il-process dwar l-akkuiza ta' recediva. Jidher illi dawn it-tnejn huma dependenti fuq id-droga u hija l-impetus tal-varji episodji u tentattivi taghhom.

Diversi drabi, huma inghataw l-opportunita` sabiex jinformaw ruhhom izda kif xehedet Victoria Scicluna, tal-Agenzija Appogg, huma naqssu milli jaghmlu progress u

jew ma attendewx jew ma komplewx il-korsijiet li suppost kellhom jattendu.

Ghaldaqstant l-ewwel u t-tieni akkuzi jirrizultaw sodisfacentement kif tirrizulta wkoll l-akkuza ta` ricediva, u dan mill-kopji numerizi ta` sentenzi ta` kundanna li gew esebiti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tikkundannhom prigunerija ghal perjodu ta` tmintax (18) –il xahar.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------